SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

25 ta' Marzu 2015 *

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali English pink — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti PINK LADY u trade marks Komunitarji figurattivi preċedenti Pink Lady — Obbligu ta' motivazzjoni — Dmir ta' diliġenza — Deċiżjoni ta' qorti tat-trade marks Komunitarji — Assenza ta' awtorità ta' res judicata"

Fil-Kawża T-378/13,

Apple and Pear Australia Ltd, stabbilita f'Victoria (l-Awstralja),

Star Fruits Diffusion, stabbilita f'Caderousse (Franza),

irrappreżentati minn T. de Haan u P. Péters, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn J. Crespo Carrillo, bħala aġent,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI kienet

Carolus C. BVBA, stabbilita f'Nieuwerkerken (il-Belġju),

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Mejju 2013 (Każ R 1215/2011-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Apple and Pear Australia Ltd u Star Fruits Diffusion, minn naħa, u Carolus C. BVBA, min-naħa l-oħra,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Prek (Relatur), President tal-Awla, I. Labucka u V. Kreuschitz, Imħallfin,

Reġistratur: C. Heeren, Amministratur,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Lulju 2013,

wara li rat ir-risposta ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Novembru 2013,

wara li rat id-deċiżjoni tat-13 ta' Jannar 2014 li tiċħad l-awtorizzazzjoni għall-preżentazzjoni ta' replika,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara s-seduta tas-16 ta' Lulju 2014, li matulha saret mistoqsija lill-partijiet,

wara t-tweġibiet bil-miktub ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Lulju u fil-31 ta' Lulju 2014,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fit-13 ta' Ottubru 2009, Carolus C. BVBA, ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

2 It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija s-sinjal verbali English pink.

3 Il-prodotti li għalihom saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jaqgħu fil-klassi 31 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja: "Prodotti agrikoli, ta' ortikultura, ta' foresterija (la ppreparata, lanqas mibdula) u qamħ (żrieragħ), li ma humiex inklużi fil-klassijiet l-oħra; annimali ħajjin; frott u ħaxix frisk; żrieragħ, pjanti u fjuri naturali; għalf għall-annimali; xgħir (malt)".

4 L-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja ġiet ippubblikata fil-Bullettin tat-trade marks Komunitarji Nru 2010/014, tal-25 ta' Jannar 2010.

5 Fl-20 ta' April 2010, ir-rikorrenti, Apple and Pear Australia Ltd u Star Fruits Diffusion, ippreżentaw oppożizzjoni, skont l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009, għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għall-prodotti msemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq.

6 L-oppożizzjoni kienet ibbażata fuq it-trade marks preċedenti li ġejjin:

— it-trade mark Komunitarja verbali PINK LADY, irreġistrata fis-27 ta' Frar 2003 bin-numru 2042679, li tiddeskrivi l-prodotti fil-klassi 31 u li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja: "Prodotti agrikoli, ta' ortikultura, inkluż frott, qamħ, pjanti u siġar, b'mod partikolari tuffieħ u siġar tat-tuffieħ";

— it-trade mark Komunitarja figurattiva Nru° 4186169, irreġistrata fil-15 ta' Diċembru 2005, irrappreżentata iktar 'il quddiem u li tiddeskrivi b'mod partikolari l-prodotti fil-klassi 31 u li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja: "Frott frisk; tuffieħ, siġar tal-frott; siġar tat-tuffieħ":



— it-trade mark Komunitarja figurattiva Nru° 6335591, irreġistrata fit-30 ta' Lulju 2008,

irrappreżentata iktar 'il quddiem u li tiddeskrivi l-prodotti fil-klassi 31 u li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja: "Prodott agrikoli, ta' ortikultura, inkluż frott, qamħ, pjanti u siġar, b'mod partikolari tuffieħ u siġar tat-tuffieħ":



7 Ir-raġunijiet invokati insostenn tal-oppożizzjoni kienu dawk imsemmija fl-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009.

8 Permezz tad-deċiżjoni tas-27 ta' Mejju 2011, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ċaħdet l-oppożizzjoni.

9 Fis-7 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti ppreżentaw appell quddiem l-UASI, skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009, mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

10 Permezz tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, mogħtija wara kawża ta' vjolazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti abbażi tat-trade marks Komunitarji verbali u figurattivi preċedenti u tat-trade mark Benelux Nru° 559177, it-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti kummerċjali ta' Brussell) (il-Belġju), bħala l-qorti tat-trade marks Komunitarji, annullat it-trade mark Benelux ENGLISH PINK u pprojbit lil Carolus C. milli tuża l-imsemmija trade mark fl-Unjoni Ewropea. B'ittra tal-4 ta' Lulju 2012, ir-rikorrenti kkomunikaw l-imsemmija sentenza lill-UASI. B'ittra tad-29 ta' Awwissu 2012, huma informawh li Carolus C. kienet qablet mas-sentenza u li din tal-aħħar għalhekk kienet saret definittiva.

11 Permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Mejju 2013 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), ir-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI ċaħad l-appell.

12 Il-Bord tal-Appell eżamina l-oppożizzjoni sa fejn hija kienet ibbażata fuq it-trade mark verbali preċedenti. Fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda l-paragun tal-prodotti, huwa enfasizza li l-prodotti kkonċernati mit-trade marks kunfliġġenti kienu, fil-parti l-kbira tagħhom, identiċi. Sussegwentement, huwa qies li l-imsemmija trade marks ma kinux jixxiebhu fuq il-livell viżiv. Huwa enfasizza li l-elementi verbali kellhom bejn wieħed u ieħor l-istess tul u l-istess "prominenza", li l-element verbali komuni "pink" kien jokkupa pożizzjonijiet differenti fis-sinjali kunfliġġenti u li l-ebda wieħed miż-żewġ elementi li kienu jiffurmaw parti mis-sinjali ma kien iktar dominanti mill-ieħor. Huwa speċifika li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienet tirriproduċi biss nofs it-trade mark verbali preċedenti għaldaqstant ir-rikorrenti ma setgħux jagħmlu riferiment għas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2005, Medion (C-120/04, Ġabra, EU:C:2005:594), u li l-element verbali "pink" ma kienx distintiv. Barra minn hekk, huwa enfasizza li r-raġunament kien l-istess għal dak li kien jirrigwarda l-paragun fonetiku u li għalhekk it-trade marks lanqas ma kienu jixxiebhu fuq dan il-livell. Barra minn hekk, huwa osserva li ma kienx hemm xebh kunċettwali tat-trade marks kunfliġġenti, minħabba l-fatt li l-kunċett ma kienx jirrigwarda l-istess oġġett, jiġifieri mara kklassifikata b'mod partikolari għat-trade mark verbali preċedenti, u kulur ikklassifikat b'mod partikolari għat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, il-Bord tal-Appell fakkar li ma kienx hemm xebh fuq il-livell viżiv, kunċettwali u fonetiku u ddeċieda li l-probabbiltà ta' konfużjoni kienet assenti.

13 Il-Bord tal-Appell qies li, għal raġunijiet ta' kompletezza, kien utli li jiġi enfasizzat li la r-reputazzjoni tat-trade mark verbali preċedenti u lanqas il-karattru distintiv ħarira superjuri għan-normal ma kienu ġew ippruvati. Huwa enfasizza li d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni kienet għamlet sunt korrett tal-kontenut tal-provi abbundanti prodotti mir-rikorrenti u kienet tat motivazzjoni kif suppost għad-deċiżjoni tagħha li dawn il-provi kollha kienu insuffiċjenti u mhux konklużivi. F'dan il-kuntest, huwa osserva li kienu biss id-dokumenti annessi man-nota tas-7 ta' Settembru 2010 ppreżenta lid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni u li dawk mehmuża man-nota tat-23 ta' Settembru 2011 kienu ġew ippreżentati tardivament skont ir-regola 19(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189), u għalhekk ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni. Huwa pproċeda għal eżami tad-dokumenti annessi man-nota tas-7 ta' Settembru 2010 ppreżentati lid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u ppreċiża li madankollu kien iqis utli, għal raġunijiet ta' kompletezza, li jeżamina wkoll id-dokumenti mehmuża man-nota tat-23 ta' Settembru 2011. Huwa ddeċieda mill-eżami tal-imsemmija dokumenti li l-provi dwar il-karattru distintiv għoli ma kinux juru b'mod ċar li l-espressjoni "pink lady" ma kinitx tirreferi fir-realtà għal varjetà ta' tuffieħ u, b'mod iktar partikolari, fuq liema bażi l-bejgħ tat-tuffieħ magħruf bħala "pink lady" seta' jiġi marbut mar-rikorrenti, kontra kwalunkwe produttur ta' tuffieħ li jikkorrispondi għal varjetà partikolari.

It-talbiet tal-partijiet

14 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— prinċipalment, tibdel id-deċiżjoni kkontestata fis-sens li l-appell tagħhom huwa fondat u, konsegwentement, li l-oppożizzjoni tagħhom għandha tintlaqa';

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

15 L-UASI jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors għal annullament fl-intier tiegħu;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

16 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, permezz tat-talbiet tagħhom għal bidla ta' deċiżjoni ppreżentati prinċipalment, ir-rikorrenti jitolbu, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali sabiex tadotta d-deċiżjoni li, fl-opinjoni tagħhom, l-UASI kellu jieħu, jiġifieri deċiżjoni li tikkonstata li r-rekwiżiti ta' oppożizzjoni huma ssodisfatti. L-eżerċizzju tas-setgħa ta' bidla ta' deċiżjoni għandu, bħala prinċipju, ikun limitat għal sitwazzjonijiet li fihom il-Qorti Ġenerali, wara li tkun stħarriġet l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell, tkun tista' tistabbilixxi, abbażi tal-punti ta' fatt u ta' liġi kif stabbiliti, id-deċiżjoni li l-Bord tal-Appell kellu jieħu (sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, Edwin vs UASI, C-263/09 P, Ġabra EU:C:2011:452, punt 72).

17 Il-Qorti Ġenerali tqis li għalhekk għandu jsir stħarriġ tal-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell, u dan jimplika li l-ewwel għandhom jiġu analizzati l-motivi mressqa mir-rikorrenti li huma intiżi essenzjalment għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Huwa biss għalhekk fit-tieni lok li t-talbiet, intiżi għall-bidla tad-deċiżjoni kkontestata, ser jiġu eżaminati.

Fuq it-talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata

18 Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jqajmu seba' motivi. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, jirrigwarda l-assenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mis-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell tat-28 ta' Ġunju 2012. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*. Fil-kuntest tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jinvokaw ksur tal-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009. Il-ħames u s-sitt motivi huma bbażati fuq il-ksur rispettivament tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009. Is-seba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 75 tal-istess regolament peress li l-Bord tal-Appell kien ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq motivi li fir-rigward tagħhom il-partijiet ma setgħux jieħdu pożizzjoni fuqhom.

19 Il-Qorti Ġenerali tqis li fl-ewwel lok għandhom jiġu analizzati l-ewwel u t-tielet motivi.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 minħabba fl-assenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mis-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell tat-28 ta' Ġunju 2012.

20 Fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-qorti kummerċjali ta' Brussell li sservi bħala qorti tat-trade marks Komunitarji tat sentenza li tikkonstata li t-trade mark ENGLISH PINK kienet kisret id-drittijiet suġġettivi li huma kellhom bħala proprjetarji tat-trade mark verbali preċedenti. Huma jsostnu li s-sentenza – li barra minn hekk saret definittiva – tikkostitwixxi punt ta' liġi u ta' fatt deċiżiv jew minn tal-inqas partikolarment rilevanti f'din il-kawża minħabba l-fatt, minn naħa, li din kienet bejn l-istess partijiet fir-rigward tal-istess trade marks Komunitarji u għall-istess raġunijiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 207/2009 u, min-naħa l-oħra, li l-preġudizzju kkawżat mit-trade mark ENGLISH PINK kien definittivament rikonoxxut fl-Unjoni. Issa, huma jikkonstataw li d-deċiżjoni kkontestata mkien ma ssemmi s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell. Għalhekk meta l-Bord tal-Appell irrifjuta li jagħti motivazzjoni għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-konsegwenzi li eventwalment kellhom jinsiltu mill-imsemmija sentenza, huwa kiser l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.

21 L-UASI josserva li l-Bord tal-Appell x'aktarx ħa inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell, iżda li huwa ma kkunsidrax lilu nnifsu marbut minnha peress li kienet tirriżulta minn kawża ta' vjolazzjoni. Huwa enfasizza li s-sistema tad-dritt tat-trade marks tal-Unjoni hija sistema awtonoma peress li l-applikazzjoni tagħha hija indipendenti minn kull sistema nazzjonali.

22 Preliminarjament, għandu qabel kollox jitfakkar li, skont l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, id-deċiżjonijiet tal-UASI għandhom ikunu motivati. Dan l-obbligu ta' motivazzjoni għandu l-istess portata bħal dak li jirriżulta mill-Artikolu 296 TFUE, li jipprovdi li r-raġunament tal-awtur tal-att għandu jidher b'mod ċar u mhux ekwivoku. Huwa għandu l-għan doppju li jippermetti, minn naħa, li l-persuni kkonċernati jsiru jafu bil-ġustifikazzjoni tal-miżura li ttieħdet sabiex jiddefendu d-drittijiet tagħhom u, min-naħa l-oħra, li l-Qorti tal-Unjoni teżerċita l-istħarriġ tagħha dwar il-legalità tad-deċiżjoni [ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, Guccio Gucci vs UASI – Chang Qing Qing (GUDDY), T-389/11, EU:T:2012:378, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata].

23 Sussegwentement, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jirriżulta li, bħala regola ġenerali u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni kuntrarja, il-produzzjoni ta' fatti u ta' provi mill-partijiet tibqa' possibbli wara l-iskadenza tat-termini li għalihom hija suġġetta tali produzzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009, u li l-UASI bl-ebda mod ma huwa ipprojbit milli jieħu inkunsiderazzjoni fatti u provi invokati jew prodotti tardivament. Billi tippreċiża li dan tal-aħħar "jista'", f'każ bħal dan, jiddeċiedi li ma jiħux inkunsiderazzjoni tali fatti, l-imsemmija dispożizzjoni tagħti, fil-fatt, lill-UASI setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex jiddeċiedi,

filwaqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu fuq dan il-punt, jekk hemmx lok li jeħodhom inkunsiderazzjoni jew le (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Rintisch vs UASI, C-120/12 P, Ġabra EU:C:2013:638, punti 22 u 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Artikolu 95 tar-Regolament Nru 207/2009 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jinnominaw fit-territorju tagħhom il-qrati nazzjonali li jkunu qed jaġixxu bħala "qrati tat-trade marks Komunitarji". Dawn il-qrati huma għalhekk inkarigati li jaqdu l-funzjonijiet mogħtija lilhom permezz tal-imsemmi regolament. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 96 tar-Regolament Nru 207/2009 jindika li l-qrati tat-trade marks Komunitarji għandhom ġurisdizzjoni b'mod partikolari fir-rigward ta' kawżi ta' vjolazzjoni u għal kontrotalbiet għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark Komunitarja. Il-leġiżlatur Belġjan innomina lill-qorti kummerċjali ta' Brussell bħala l-qorti tat-trade marks Komunitarji tal-ewwel istanza.

25 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, skont il-premessa 16 tar-Regolament Nru 207/2009, "id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-validità u l-vjolazzjoni ta' trade marks Komunitarji għandhom ikollhom effett u għandhom ikopru t-territorju kollu tal-Komunità, li huwa l-uniku mod kif wieħed jista' jipprevjeni deċiżjonijiet inkonsistenti minn naħa tal-qrati u tal-Uffiċċju [UASI] u kif jista jiġi żgurat li n-natura unika tat-trade marks Komunitarji ma tiġix imxejjna". Bl-istess mod, il-premessa 17 tar-Regolament Nru 207/2009 tenfasizza li deċiżjonijiet kontradittorji għandhom jiġu evitati f'azzjonijiet li jinvolvu l-istess għemil u l-istess partijiet u li jirrigwardaw trade marks Komunitarji u trade marks nazzjonali paralleli. Il-mekkaniżmi implementati bir-Regolament Nru 207/2009 huma għaldaqstant intiżi li jiggarantixxu l-protezzjoni uniformi tat-trade mark Komunitarja fit-territorju tal-Unjoni kollu. Il-leġiżlatur b'dan il-mod jikkonferma l-karattru unitarju tat-trade mark Komunitarja.

26 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-qorti tat-trade marks Komunitarji għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi li twaqqaf milli jsiru atti ta' vjolazzjoni jew ta' theddid ta' vjolazzjoni ta' trade mark Komunitarja li testendi għat-territorju tal-Unjoni kollu (ara s-sentenza tat-12 ta' April 2011, DHL Express France, C-235/09, Ġabra EU:C:2011:238, punt 38). Għalhekk, is-sistema prevista mir-Regolament Nru 207/2009 tippermetti li tali kawża tkun limitata għal proċedura waħda sabiex tiġi ggarantita protezzjoni uniformi tat-trade mark Komunitarja fit-territorju kollu tal-Unjoni.

27 Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi li għandu jiġi eżaminat il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.

28 Għandu jitfakkar li, permezz ta' rikors tat-8 ta' Ġunju 2010, ir-rikorrenti talbu lill-qorti kummerċjali ta' Brussell sabiex tannulla t-trade mark Benelux ENGLISH PINK minħabba l-fatt li hija tippreġudika b'mod partikolari t-trade marks Komunitarji verbali u figurattivi preċedenti u t-trade mark Benelux Nru° 559177. Permezz tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, l-imsemmija qorti annullat it-trade mark Benelux ENGLISH PINK u pprojbit lil Carolus C. milli tuża l-imsemmija trade mark fl-Unjoni.

29 Rigward il-mertu, il-qorti kummerċjali ta' Brussell enfasizzat, qabel kollox, li l-livell ta' probabbiltà ta' konfużjoni kellu jkun baxx ħafna peress li l-prodotti tat-trade marks inkwistjoni kienu identiċi. Sussegwentement, hija fakkret li waħda jew iktar trade marks purament verbali setgħu joħolqu probabbiltà ta' konfużjoni ma' trade mark kumplessa. Barra minn hekk, hija qieset li l-użu ta' kulur speċifiku, ta' kalligrafija speċifika, ta' karattri speċifiċi u tal-ittra kapitali fil-bidu ta' kull kelma "bl-ebda mod ma kien inaqqas il-kriterju tal-immaġni sħiħa tat-trade mark". Hija qieset li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni, għall-konsumatur normalment informat, bejn it-trade marks ENGLISH PINK u PINK LADY. Barra minn hekk, hija qieset li, fid-dawl tal-atti tal-proċess, ir-rikorrenti kienu pproduċew biżżejjed provi kif meħtieġ mil-liġi dwar il-fatt li l-espressjoni "pink lady" kienet tgawdi minn reputazzjoni għolja fir-rigward tat-tuffieħ u li dan kien ukoll jidher barra minn hekk mill-"common knowledge" (fatt magħruf minn kulħadd). Għalhekk hija qieset li t-trade mark PINK LADY għandha tingħata livell għoli ta' protezzjoni.

30 B'ittra tal-4 ta' Lulju 2012, ir-rikorrenti kkomunikaw is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012 lill-UASI. It-traduzzjoni bl-Ingliż tas-sentenza wkoll ġiet trażmessa lilu b'ittra tal-15 ta' Lulju 2012. B'ittra tad-29 ta' Awwissu 2012, ir-rikorrenti informaw lill-UASI li Carolus C. kienet qablet mas-sentenza u li din għalhekk kienet saret definittiva. Fil-25 ta' Settembru 2012, ir-rikorrenti indikaw li l-uffiċċju Benelux tat-trade marks kien irtira t-trade mark ENGLISH PINK mir-reġistru tat-trade marks Benelux.

31 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-Bord tal-Appell kien ġie debitament, u diversi drabi, informat bosta xhur qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li kien seħħ fatt ġdid – jiġifieri s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell.

32 Għandu jiġi kkonstatat li l-Bord tal-Appell imkien ma semma l-eżistenza tas-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell fid-deċiżjoni kkontestata u, *a fortiori*, ma mmotivax l-evalwazzjoni tiegħu dwar il-kwistjoni tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' dan il-fatt ġdid.

33 Issa, kif jirriżulta mill-punti 22 u 24 iktar 'il fuq, il-Bord tal-Appell kien obbligat li jindika, fid-deċiżjoni kkontestata, il-motivi għad-deċiżjoni tiegħu rigward l-imsemmija kwistjoni tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' dan il-fatt ġdid.

34 Għalhekk, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-Bord tal-Appell ma ssodisfax la espliċitament u lanqas impliċitament ir-rekwiżit tal-motivazzjoni kif speċifikat fil-punt 33 iktar 'il fuq.

35 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, l-argumenti tal-UASI, ifformulati fil-kitbiet tiegħu, li jgħidu li "l-Bord tal-Appell x'aktarx ħa inkunsiderazzjoni s-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012 tal-qorti [kummerċjali ta' Brussell]", iżda li "huwa ma kkunsidrax lilu nnifsu marbut minn din is-sentenza, peress li kienet tirriżulta minn kawża ta' vjolazzjoni skont l-Artikolu [96] tar-[Regolament Nru 207/2009]", jikkostitwixxu tentattiv li tingħata motivazzjoni tardiva għad-deċiżjoni kkontestata, inammissibbli quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni għandha, bħala prinċipju, tiġi kkomunikata lill-persuna kkonċernata fl-istess ħin bħall-att li jikkawżalha preġudizzju, u l-assenza ta' motivazzjoni ma tistax tiġi rregolarizzata mill-fatt li l-persuna kkonċernata ssir taf il-motivi tal-att matul il-proċedura quddiem il-qorti tal-Unjoni (sentenzi tas-26 ta' Novembru 1981, Michel vs Il-Parlament, 195/80, Ġabra EU:C:1981:284, punt 22; tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra EU:C:2005:408, punt 463, u tat-13 ta' Novembru 2012, Antrax It vs UASI – THC (Radjaturi għat-tisħin), T-83/11 u T-84/11, Ġabra EU:T:2012:592, punt 90].

36 Konsegwentement, meta ma mmotivax l-evalwazzjoni tiegħu dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-punt ta' fatt ġdid li kien jikkostitwixxi s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell li seħħet bejn l-adozzjoni tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u dik tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell kiser l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.

37 Fid-dawl ta' kull ma ntqal preċedentement, l-ewwel motiv għandu jiġi milqugħ, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.

38 Għandu jiġi kkunsidrat li dan il-ksur jimplika, waħdu, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża fejn id-deċiżjoni tal-qorti tat-trade marks Komunitarji ngħatat qabel id-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali tqis li jibqa' neċessarju li jiġi analizzat it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

39 Fil-kuntest tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ġew miksura. Huma jikkunsidraw li, fid-dawl tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42), u tal-importanza mogħtija lill-prinċipji ta' awtorità ta' *res judicata* u ta' ċertezza legali, is-sentenza definittiva ta' qorti tat-trade marks Komunitarji ħolqot aspettattivi leġittimi li l-preġudizzju li t-trade mark ENGLISH PINK ikkawżat lid-drittijiet suġġettivi tagħhom kien definittivament rrikonoxxut fl-Unjoni.

40 Huma jsostnu wkoll li l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jipprojbixxi lill-UASI, meta jkun qiegħed jiddeċiedi fi proċedimenti ta' oppożizzjoni, milli jadotta deċiżjoni li tippreġudika ċ-ċertezza legali u l-aspettattivi leġittimi bbażati fuq deċiżjoni ġudizzjarja definittiva preċedenti ta' qorti tat-trade marks Komunitarji. Dan il-prinċipju jimponi fuq l-UASI l-obbligu li jagħti attenzjoni partikolari lis-sentenza tal-qorti tat-trade marks Komunitarji.

41 L-UASI jsostni li l-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma nkisrux minħabba li ma huwiex stabbilit li l-awtorità ta' *res judicata* definittiva tad-deċiżjonijiet tal-qrati tat-trade marks Komunitarji torbtu fl-eżerċizzju tal-kompetenza tiegħu fir-rigward tar-reġistrazzjoni tat-trade marks Komunitarji.

42 Qabel kollox, għandu jiġi enfasizzat li dan il-motiv fir-realtà jinvolvi żewġ ilmenti. Fil-kuntest tal-ewwel ilment, ir-rikorrenti essenzjalment isostnu li, fid-dawl tar-rwol importanti mogħti lill-qrati tat-trade marks Komunitarji mir-Regolament Nru 207/2009, il-Bord tal-Appell kellu jieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell. Meta injora l-imsemmija sentenza, il-Bord tal-Appell ma evalwax bid-diliġenza kollha neċessarja l-punti ta' fatt li ġew ippreżentati quddiemu u b'dan il-mod ma osservax il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, jiġifieri d-dmir ta' diliġenza tiegħu.

43 Fil-kuntest tat-tieni lment, ir-rikorrenti essenzjalment isostnu li s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell b'xi mod iffissat id-drittijiet tal-partijiet billi pproteġiet definittivament it-trade mark verbali preċedenti kontra kull preġudizzju kkawżat mit-trade mark ENGLISH PINK. Meta adotta deċiżjoni li tmur kontra s-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, il-Bord tal-Appell għalhekk kiser l-aspettattivi leġittimi u ċ-ċertezza legali maħluqa permezz ta' din is-sentenza.

44 Għal dak li jirrigwarda l-ewwel ilment, li jgħid li l-Bord tal-Appell ma evalwax bid-diliġenza kollha neċessarja l-punti ta' fatt li ġew ippreżentati quddiemu, għandu jitfakkar li l-UASI huwa obbligat li jeżerċita l-kompetenzi tiegħu skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, bħal prinċipju ta' amministrazzjoni tajba (sentenza tal-10 ta' Marzu 2011, Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI, C-51/10 P, Ġabra EU:C:2011:139, punt 73).

45 Għandu jiġi enfasizzat li, għal raġunijiet ta' ċertezza legali u, speċifikament, ta' amministrazzjoni tajba, l-eżami ta' kull talba ta' reġistrazzjoni għandu jkun strett u komplet, bil-għan li jiġi evitat li trade marks ma jiġux irreġistrati meta dan ma jkunx dovut. Dan l-eżami għandu jitwettaq f'kull każ konkret. Fil-fatt, ir-reġistrazzjoni ta' sinjal bħala trade mark tiddependi fuq kriterji speċifiċi, applikabbli fil-kuntest taċ-ċirkustanzi fattwali tal-każ inkwistjoni u maħsuba sabiex jiġi vverifikat jekk is-sinjal inkwistjoni jaqax taħt raġuni għal rifjut (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI, punt 44 iktar 'il fuq, EU:C:2011:139, punt 77).

46 F'dan l-istess sens, għandu jitfakkar li l-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprevedi li "l-[UASI] għandu jeżamina l-fatti fuq l-inizzjattiva tiegħu stess", iżda li, "madanakollu, fi proċedimenti li jirrigwardaw raġunijiet relattivi għal ċaħda ta' reġistrazzjoni, l-Uffiċċju għandu jkun ristrett għal eżaminazzjoni ta' fatti, ta' provi u ta' argumenti ppreżentati mill-partijiet u tar-rimedji mitluba". Din

id-dispożizzjoni hija espressjoni tal-obbligu ta' diliġenza, li jipprovdi li l-istituzzjoni kompetenti għandha teżamina, b'reqqa u b'imparzjalità, il-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti għall-każ inkwistjoni [ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2011, Zino Davidoff vs UASI – Kleinakis kai SIA (GOOD LIFE), T-108/08, Ġabra, EU:T:2011:391, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata].

47 Issa, għandu jiġi kkunsidrat li s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell tikkostitwixxi, *prima facie*, punt ta' fatt rilevanti sabiex jiġi solvut il-każ inkwistjoni. Fil-fatt, il-Bord tal-Appell ma setax jonqos milli jirrikonoxxi li kienu jeżistu punti essenzjalment komuni bejn il-punti ta' fatt li huma s-suġġett tal-proċedura mibdija permezz tal-kawża ta' vjolazzjoni u dawk li huma s-suġġett tal-proċedura mibdija mill-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. Mhux biss il-partijiet fl-imsemmija proċeduri kienu identiċi, iżda wkoll it-trade mark verbali preċedenti invokata insostenn tal-kawża ta' vjolazzjoni quddiem il-qorti kummerċjali ta' Brussell kienet l-istess waħda invokata insostenn tal-oppożizzjoni quddiem l-istanzi tal-UASI. Għandu wkoll jiġi osservat li t-trade mark Benelux ENGLISH PINK li kienet ġiet annullata mill-imsemmija qorti u t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienu jixxiebhu ħafna.

48 Għandu wkoll jiġi enfasizzat li din is-sentenza ġejja minn qorti tat-trade marks Komunitarji, stabbilita skont ir-Regolament Nru 207/2009, li tintervjeni, għal dan il-għan, fil-kuntest tas-sistema awtonoma li tikkostitwixxi s-sistema tad-dritt tat-trade marks tal-Unjoni, peress li hija inkarigata li tipproteġi, fit-territorju kollu tal-Unjoni, it-trade marks Komunitarji li huma s-suġġett ta' atti ta' vjolazzjoni jew ta' theddid ta' vjolazzjoni u li b'dan il-mod hija ssegwi l-għanijiet li huma speċifiċi għall-imsemmija sistema.

49 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punti 24 sa 26 iktar 'il fuq, l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni għandha tinftiehem fis-sens li l-mekkaniżmi implementati mil-leġiżlazzjoni huma intiżi li jiggarantixxu l-protezzjoni uniformi tat-trade mark Komunitarja fit-territorju kollu tal-Unjoni.

50 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi kollha, għandu jiġi kkunsidrat, fil-każ ineżami, li s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell tikkostitwixxi *prima facie*, punt ta' fatt rilevanti li l-impatt eventwali tiegħu fuq is-soluzzjoni tal-kawża miġjuba quddiem il-Bord tal-Appell kellu jiġi evalwat minn dan tal-aħħar.

51 Meta naqas milli jagħmel dan, il-Bord tal-Appell ma evalwax bid-diliġenza kollha neċessarja l-punti ta' fatt li ġew ippreżentati quddiemu.

52 Fiċ-ċirkustanzi fil-każ ineżami, dan in-nuqqas ta' diliġenza jkun ta' natura li jimplika l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, hekk li l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba għandu jiġi milqugħ.

53 Għalhekk, mill-analiżi tal-ewwel motiv u tal-ewwel ilment tat-tielet motiv jirriżulta li l-Bord tal-Appell kiser, minn naħa, l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 – meta ma semmiex fid-deċiżjoni kkontestata l-eżistenza tas-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell u l-impatt eventwali tagħha fuq is-soluzzjoni tal-kawża – u, min-naħa l-oħra, id-dmir ta' diliġenza tiegħu meta ma evalwax bl-attenzjoni kollha neċessarja l-punti ta' fatt rilevanti li ġew ippreżentati quddiemu.

54 Minn dan isegwi li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi eżaminat la t-tieni ilment tat-tielet motiv u lanqas il-ħames motivi l-oħra tar-rikorrenti.

Fuq it-talba għal bidla tad-deċiżjoni kkontestata intiża li l-oppożizzjoni tiġi milqugħa

55 Fid-dawl tan-neċessità li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata u tat-talba ta' bidla ta' deċiżjoni tar-rikorrenti, għandu jiġi evalwat jekk, fil-każ ineżami, il-Qorti Ġenerali hijiex mitluba li teżerċita s-setgħa tagħha li tibdel deċiżjoni skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009. Insostenn ta' din it-talba, ir-rikorrenti essenzjalment isostnu li s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell kellha

l-awtorità ta' *res judicata* u kienet għalhekk imposta fuq il-Bord tal-Appell u, għaldaqstant, fuq il-Qorti Ġenerali. Din tal-aħħar għalhekk tista' u hija obbligata li tibdel id-deċiżjoni kkontestata billi tikkonforma ruħha mal-imsemmija sentenza u billi għalhekk tilqa' l-oppożizzjoni. F'dan ir-rigward, huma jispeċifikaw, fil-kuntest tat-tieni motiv tagħhom, b'mod partikolari, li l-awtorità ta' *res judicata* hija marbuta mhux biss mad-dispożittiv, iżda wkoll mal-motivi tad-deċiżjoni ġudizzjarja u dawn huma bbażati fuq il-karattru waħdieni tat-trade mark Komunitarja kif ukoll fuq in-neċessità li jiġu evitati deċiżjonijiet kontradittorji bejn il-qrati tat-trade marks Komunitarji u l-UASI, kif ikkonfermat mill-Artikolu 56(3), mill-Artikolu 100(2),(6), u (7), mill-Artikolu 104(1) u (2) u mill-Artikolu 109(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 u mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001.

56 Għandu jitfakkar li s-setgħa ta' bidla ta' deċiżjoni ma għandhiex l-effett li tagħti lill-Qorti Ġenerali s-setgħa li tipproċedi għal evalwazzjoni li fuqha l-Bord tal-Appell għadu ma ħax pożizzjoni. L-eżerċizzju tas-setgħa ta' bidla ta' deċiżjoni għandu konsegwentement, bħala prinċipju, ikun limitat għas-sitwazzjonijiet fejn il-Qorti Ġenerali, wara li tkun stħarrġet l-evalwazzjoni magħmula mill-imsemmi bord, tkun f'pożizzjoni li tiddetermina, fuq il-bażi tal-punti ta' fatt u ta' liġi kif stabbiliti, id-deċiżjoni li l-Bord tal-Appell kellu jadotta (sentenza Edwin vs UASI, punt 16 iktar 'il fuq, EU:C:2011:452, punt 72).

57 Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat li d-deċiżjoni ta' qorti nazzjonali li tkun qed taġixxi bħala qorti tat-trade marks Komunitarji fil-kuntest ta' kawża ta' vjolazzjoni ta' trade mark Komunitarja ma għandha l-ebda awtorità ta' *res judicata* fir-rigward tal-istanzi tal-UASI fil-kuntest tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja, anki jekk tkun identika għat-trade mark nazzjonali li hija s-suġġett ta' kawża ta' vjolazzjoni [ara, f'dan is-sens is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2011, Emram vs UASI – Guccio Gucci (G), T-187/10, EU:T:2011:202, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata]. Minn dan jirriżulta li l-eżistenza ta' tali deċiżjoni, bħal dik tal-qorti kummerċjali ta' Brussell fil-każ ineżami, għalkemm saret definittiva, ma hijiex biżżejjed waħidha sabiex tpoġġi lill-Qorti Ġenerali f'pożizzjoni li tkun tista' tistabbilixxi d-deċiżjoni li l-Bord tal-Appell kellu jieħu.

58 Huwa ċertament minnu li, kif imfakkar fil-punti 24 u 25 iktar 'il fuq, il-leġiżlatur tal-Unjoni, permezz tar-Regolament Nru 207/2009, implementa mekkaniżmi intiżi li jiggarantixxu l-protezzjoni uniformi tat-trade mark Komunitarja fit-territorju kollu tal-Unjoni, u b'dan il-mod ikkonferma l-karattru waħdieni tat-trade mark Komunitarja. F'dan il-kuntest, huwa stabbilixxa l-qrati tat-trade marks Komunitarji li għandhom il-ġurisdizzjoni li jiddeċiedu li jwaqqfu milli jsiru atti ta' vjolazzjoni jew ta' theddid ta' vjolazzjoni ta' trade mark Komunitarja li testendi għat-territorju tal-Unjoni.

59 Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, il-legalità ta' deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell għandha tiġi evalwata unikament abbażi tar-Regolament Nru 207/2009, kif interpretat mill-qorti tal-Unjoni, u mhux abbażi ta' prassi deċiżjonali preċedenti għalihom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2007, Alcon vs UASI, C-412/05 P, Ġabra, EU:C:2007:252, punt 65), kunsiderazzjonijiet li jgħoddu wkoll fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni mressqa abbażi tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009. L-istess jgħodd, *a fortiori*, għal dak li jirrigwarda l-effett tad-deċiżjonijiet nazzjonali preċedenti dwar is-soluzzjoni li għandha tingħata fil-kawża ineżami. Fil-fatt, is-sistema tad-dritt tat-trade marks tal-Unjoni hija sistema awtonoma, ikkostitwita minn numru ta' regoli u li ssegwi għanijiet li huma speċifiċi għaliha, peress li l-applikazzjoni tagħha hija indipendenti minn kull sistema nazzjonali. Minn dan isegwi li r-rifjut ta' reġistrazzjoni għandu jiġi evalwat unikament abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti u d-deċiżjonijiet nazzjonali preċedenti ma jistgħux fi kwalunkwe każ jikkontestaw il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-22 ta' Marzu 2012, Emram vs UASI, C-354/11 P, EU:C:2012:167, punti 92 u 93).

60 Għandu wkoll jiġi enfasizzat li r-Regolament Nru 207/2009 ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni li skontha l-UASI huwa marbut minn deċiżjoni ta' qorti tat-trade marks Komunitarji stabbilita f'kuntest ta' kawża ta' vjolazzjoni meta huwa jeżerċita l-ġurisdizzjoni esklużiva tiegħu fir-rigward tar-reġistrazzjoni tat-trade marks Komunitarji u meta, f'dan il-kuntest, huwa jeżamina l-oppożizzjonijiet għat-talbiet għal reġistrazzjoni tat-trade marks Komunitarji.

61 Id-dispożizzjonijiet li japplikaw il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* jirrigwardaw, fil-fatt, sitwazzjonijiet oħra. Għalhekk, l-Artikolu 56(3) tar-Regolament Nru 207/2009 jirrigwarda l-inammissibbiltà ta' applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità quddiem l-UASI fil-każ ta' applikazzjoni li diġà ġiet aġġudikata minn qorti fi Stat Membru dwar l-istess trade mark Komunitarja. F'dan l-istess sens, l-Artikolu 100(2), (6) u (7) tar-Regolament Nru 207/2009 jirrigwarda l-każ ta' kontrotalba għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark Komunitarja quddiem l-UASI jew qorti tat-trade marks Komunitarji meta l-istess kwistjoni tkun diġà ġiet aġġudikata fir-rigward tal-istess trade mark quddiem l-UASI jew l-imsemmija qorti. L-Artikolu 109(2) tar-Regolament Nru 207/2009, min-naħa tiegħu, jipprevedi li l-qorti li tkun qiegħda tisma' kawża ta' vjolazzjoni fuq il-bażi ta' trade mark Komunitarja għandha tiċħad il-kawża jekk deċiżjoni finali fuq il-merti tkun ingħatat fuq l-istess fatti u bejn l-istess partijiet fuq il-bażi ta' trade mark nazzjonali identika u valida għal prodotti u servizzi identiċi. Bl-istess mod, l-Artikolu 109(3) tal-istess regolament jipprevedi li l-qorti li tkun qiegħda tisma' kawża ta' vjolazzjoni fuq il-bażi ta' trade mark nazzjonali għandha tiċħad il-kawża jekk deċiżjoni finali fuq il-merti tkun ingħatat fuq l-istess fatti u bejn l-istess partijiet fuq il-bażi ta' trade mark Komunitarja identika u valida għal prodotti u servizzi identiċi.

62 Barra minn hekk, ir-rekwiżit ta' karattru waħdieni tat-trade mark Komunitarja, kif enfasizzat fil-premessi 16 u 17 tar-Regolament Nru 207/2009, ma jimplikax li l-istanzi tal-UASI u, konsegwentement, il-qorti tal-Unjoni ma jistgħux iktar, f'isem il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, jeżaminaw l-eżistenza eventwali ta' probabbiltà ta' konfużjoni fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja ġdida, anki meta din hija identika għal trade mark nazzjonali li ġiet iġġudikata mill-qorti tat-trade marks Komunitarji bħala li tippreġudika t-trade mark Komunitarja preċedenti.

63 Huwa importanti, fil-fatt, li jiġi enfasizzat li l-UASI hija l-unika istanza li ngħatat is-setgħa mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex teżamina l-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni u, għalhekk, sabiex tawtorizza jew tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja. Fil-kuntest ta' din il-kompetenza, id-deċiżjonijiet li l-Bordijiet tal-Appell huma mitluba jieħdu, skont ir-Regolament Nru 207/2009, dwar ir-reġistrazzjoni jew il-protezzjoni ta' sinjal bħala trade mark Komunitarja, jaqgħu taħt l-eżerċizzju ta' kompetenza limitata u mhux ta' setgħa diskrezzjonali. Għalhekk, il-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell għandha tiġi evalwata unikament abbażi ta' dan ir-regolament kif interpretat mill-qorti tal-Unjoni. Issa, kif ġie enfasizzat fil-punti 60 u 61 iktar 'il fuq, ir-Regolament Nru 207/2009 ma jipprevedi l-ebda dispożizzjoni li tobbliga lill-UASI jikkonforma ruħu, f'isem il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, ma' deċiżjoni ta' qorti tat-trade marks Komunitarji li tikkonstata li trade mark nazzjonali wettqet vjolazzjoni ta' trade mark Komunitarja.

64 Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, l-awtorità ta' *res judicata* li kellha s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell la tapplika għall-Bord tal-Appell fl-eżerċizzju tal-kompetenza tiegħu sabiex jieħu deċiżjoni dwar jekk is-sinjal English pink jistax jiġi rreġistrat bħala trade mark Komunitarja u lanqas għall-qorti tal-Unjoni fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-istħarriġ tal-legalità tagħha u tas-setgħa ta' bidla ta' deċiżjoni li hija għandha skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

65 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, għalkemm l-istess partijiet huma implikati fil-proċeduri quddiem il-qorti kummerċjali ta' Brussell u quddiem l-UASI, is-suġġetti – jiġifieri t-talbiet – rispettivi tal-każijiet eżaminati mill-imsemmija qorti u mill-UASI min-naħa l-oħra ma humiex identiċi. Fil-fatt, is-suġġett tal-kawża ta' vjolazzjoni quddiem il-qorti Belġjana kien l-annullament tat-trade mark Benelux ENGLISH PINK u l-projbizzjoni milli jsir użu minn din it-trade mark fit-territorju tal-Unjoni, filwaqt li s-suġġett tal-proċedimenti quddiem l-UASI kien l-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja English pink.

66 Il-kawżali – jiġifieri l-bażijiet tat-talbiet – ta' dawn iż-żewġ każijiet huma wkoll differenti. Minn naħa, fil-kuntest tal-proċedimenti quddiem il-qorti kummerċjali ta' Brussell, il-bażi tat-talba tar-rikorrenti sabiex tingħata l-ordni intiża li tfixkel il-vjolazzjoni tat-trade marks imsemmija fil-punt 6 iktar 'il fuq kienet l-Artikolu 9(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009. Min-naħa l-oħra, il-bażi tat-talba sabiex

it-trade mark Benelux ENGLISH PINK tiġi ddikjarata invalida kienet l-Artikolu 2.3 u l-Artikolu 2.28(3)(b) tal-Konvenzjoni Benelux dwar il-proprjetà intellettwali (trade marks u disinni), iffirmata f'Den Haag, fil-25 ta' Frar 2005. L-imsemmija qorti qieset li kien hemm azzjoni ta' vjolazzjoni tat-trade marks Komunitarji ċċitati iktar 'il fuq. Hija għaldaqstant iddeċidiet li t-trade mark Benelux ENGLISH PINK tiġi annullata u pprojbiet l-użu ta' dan is-sinjal fit-territorju kollu tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-proċedimenti quddiem l-UASI, ir-rikorrenti opponew ir-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja ġdida u bbażaw ruħhom, għal din ir-raġuni, fuq dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament Nru 207/2009, jiġifieri l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 5 tal-imsemmija regolament.

67 Barra minn hekk, huwa stabbilit li t-trade mark Benelux u t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni huma żewġ trade marks legalment distinti. Is-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell tipproteġi lit-trade mark verbali preċedenti biss kontra l-effetti tat-trade mark Benelux ENGLISH PINK.

68 Dawn ir-raġunijiet huma biżżejjed, fl-assenza ta' identiċità bejn is-suġġetti u l-kawżali tal-proċedimenti li saru quddiem l-UASI u quddiem il-qorti kummerċjali ta' Brussell, sabiex ir-rikorrenti ma jkunux jistgħu jibbażaw ruħhom fuq l-awtorità ta' *res judicata* tas-sentenza tal-imsemmija qorti fil-kuntest ta' din il-kawża.

69 Għall-istess raġunijiet, huwa inutli li r-rikorrenti jinvokaw l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 minħabba l-fatt li teżisti identiċità fir-rigward tal-partijiet, suġġett u kawżali.

70 Mill-argumenti preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti jiżbaljaw meta jsostnu li, skont il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, il-Bord tal-Appell kien marbut bis-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell u li kellu, għal din ir-raġuni, jikkonstata l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni tas-sinjali kunfliġġenti.

71 Indipendentement mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel u tat-tielet motivi iktar 'il fuq, il-Bord tal-Appell naqas, f'dan il-każ, milli jieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell u milli jevalwa l-eventwali effetti tal-imsemmija sentenza fuq l-eżitu tal-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma hijiex fil-pożizzjoni li tiddetermina, abbażi tal-punti ta' fatt u ta' liġi kif inhuma stabbiliti, id-deċiżjoni li l-Bord tal-Appell kellu jieħu u għalhekk ma tistax teżerċita s-setgħa tagħha ta' bidla ta' deċiżjoni. Konsegwentement, it-talba għal bidla tad-deċiżjoni kkontestata mressqa mir-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

72 Skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali tista' taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha jekk il-partijiet jitilfu fuq waħda jew iktar mit-talbiet rispettivi tagħhom. F'dan il-każ, hemm lok li jiġi deċiż li l-UASI jħallas l-ispejjeż tiegħu kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tad-29 ta' Mejju 2013 (Każ R 1215/2011-4) hija annullata.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti minn Apple and Pear Australia Ltd u minn Star Fruits Diffusion.

4) Apple and Pear Australia u Star Fruits Diffusion għandhom ibatu nofs l-ispejjeż tagħhom.

Prek Labucka Kreuschitz

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Marzu 2015.

Firem